**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 199/16 AL

A B
KI 0165381 M
vs
C D
KI 0290079 M

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi huwa kien izzewweg lil C D (KI 0290079M) fit-12 ta' Frar 2005 f'Sta Venera u minn dan iz-zwieg kellhom zewg itfal ulied, – dokument anness u mmarkat Dok CV 1;
2. Illi huma kien infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni b'att ippubblikat minn Nutar Dottor Francesca Portelli fis-sittax (16) ta' Dicembru 2013 (Dokument anness u mmarkat CV 2) u dan wara li kienu ilhom jghixu *de facto* separati ghal aktar minn sena u nofs;

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx kwistjonijiet bejniethom dwar manteniment;
4. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg li issir medjazzjoni bejniethom;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta :

i. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;
ii. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-intimata, li permezz taghha informat lill-Qorti li taqbel mat-talbiet tal-attur kif dedotti fir-rikors promotur;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Settembru, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Dicembru, 2013 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.